



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 2130/2013, imressqa minn Leonardo Espana Balbas, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-bdiewa**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qiegħed jilmenta dwar l-istat attwali tal-bdiewa li akkwistaw farms ġodda u ma jeħdux id-drittijiet tagħhom għal sussidji trasferiti awtomatikament. Skont hu kien hemm ħafna każijiet fejn is-sjieda tal-farm inbidlet imma mhux id-drittijiet u b'hekk is-sid ta' qabel ikompli jieħu s-sussidji. Hu jindika li prattika bħal din mhix ġusta minħabba li s-sussidji huma maħsuba preċiżament bħala tpattija għall-profitabbiltà diretta baxxa tal-farms. Hu jemmen li l-leġiżlazzjoni attwali mhix ġusta u jitlob lill-PE biex jgħin biex is-sussidji u d-drittijiet jiġu marbuta mal-persuna li verament hija s-sid tal-farm.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-5 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

#### Il-kummenti tal-Kummissjoni

L-ewwel nett, bil-għan li jirċievi pagamenti diretti relatati maż-żona, bidwi (jew bidwija) għandu jkollu art agrikola għad-dispożizzjoni tiegħu u jkun jeżerċita attività agrikola, kif definit mil-leġiżlazzjoni tal-UE, fuq tali art. Il-bidwi wkoll għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluża l-ħtieġa li jkun detentur ta' intitolamenti għal pagament skont l-iskema ta' pagament uniku (sal-2014) jew skont l-iskema ta' pagament bażiku (mill-2015). Is-sistema tal-intitolamenti għal pagament hija kompletament

diżakkoppjata mill-produzzjoni li jfisser li jistgħu jiġu attivati fuq kwalunkwe ettaru eliġibbli (ma hemm l-ebda rekwiżit li l-intitolamenti jiġu attivati biss fuq l-ettaru li abbażi tiegħu jkunu ġew allokati).

Jidher li l-petizzjonant iqis li ċerti bdiewa ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet meħtieġa biex jibbenefikaw mill-ġhajnuna. B'mod partikolari, qed jiġi allegat li ċerti bdiewa ma jeżerċitawx attività agrikola fiż-żona li għaliha jirċievu l-appoġġ. Dawn l-allegazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Sa mill-bidu tal-arranġamenti li jirregolaw il-funzjonament tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), l-Istati Membri kienu responsabbli li jeżegwixxu r-regoli tal-PAK inklużi l-pagamenti lill-benefiċjarji. Bħala konsegwenza tar-responsabbiltà tagħhom li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-baġit tal-UE, għandhom ikunu l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li s-sussidji jingħataw b'mod korrett u li jipprevjenu u jittrattaw l-irregolaritajiet<sup>1</sup>. B'riżultat ta' dan, tilwim relatat mat-trattament amministrattiv ta' każ individwali jaqa' taħt il-kunsiderazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali.

Flimkien mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, mill-1 ta' Jannar 2015, kwalunkwe bidwi li jirċievi pagamenti diretti jkollu jirrispetta d-dispożizzjonijiet dwar il-bidwi attiv, li ġew introdotti fl-aħħar riforma tal-PAK sabiex l-appoġġ dirett jiġi mmirat aħjar billi jiġu esklużi dawk il-persuni li ma jwettqux attivitajiet agrikoli (jew li jwettquhom b'mod marġinali). Bil-ġhan li jiġi allokati intitolamenti ta' pagamenti u bil-ġhan li jingħataw pagamenti diretti, il-bidwi għandu jkun attiv skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013<sup>2</sup>. L-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament jagħti l-possibilità lill-Istati Membri jkomplu jeskludu aktar lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, mill-appoġġ dirett.

Fl-aħħar, fir-rigward tal-possibilità għal dawk li jidħlu ġodda biex jirċievu l-intitolamenti għal pagament, ta' min jinnota li mill-2015, skont l-Artikolu 30(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżervi nazzjonali jew reġjonali tagħhom biex jallokaw intitolamenti għal pagament, bħala kwistjoni ta' prijorità, lill-bdiewa żgħażaġh u lill-bdiewa li jkunu qed jibdeu l-attività agrikola tagħhom. Din il-kategorija ta' bdiewa hija definita ulterjorment fl-Artikolu 30(11) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u fl-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) Nru 639/2014<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Ara l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni, ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1 (Mill-1/01/2014: Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549–607).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 0608–0670

<sup>3</sup> Regolament ta' Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament, ĠU L 181, 20.6.2014, p. 01–047

## Konklużjoni

Il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni għala għandha biex tintervjeni f'isem il-petizzjonant.

Il-petizzjonant jingħata l-parir li jikkuntattja lill-awtoritajiet nazżjonali tiegħu dwar id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-iskemi tal-pagamenti diretti fi Spanja.